# IT-TALLABA.

## (MINN TA' MATILDE SERAO)

(*Jaqbad fuq il-għadd ta' qabel*)

Kienet tismagħhom igħidu li 'l fuq mit-triq «taż-Żebbiegħa», 'l fuq miċ-«Ċerrilju», f'tarf it-triq *Principessa Margherita*, hemm dinja oħra: imma hi kienet tibża' tittarraf, kienet wisq grixtija ! Isfel, fis-Suq, ukoll kienet tibża' mit-tlaleb l-oħra li kienu jsawtuha, mill-klieb li kienu jigdmuha, mill-pulizija li kienet tista' tħarrikha; iżda hi kien jilħqilha u kienet teħles mit-tiġrib ħeluħelu. It-tiġrib tan-naħħa l-oħra, ta' hemm fuq, ma kinetx taf xinhu. Mita kienet tasal hemm, kienet tâti daqqa ta' għajn minn taħt-il-taħt u kienet taħrab b'rasha moħbija ġo idejha: kienet tistħajjilha li xi ħadd q'ed iheddidha, jew jiġri warajha.

Kienet titlob il-karità iżda mhux dejjem kienet taqlagħha. Dawk in-nies ħabrieka biex jaqilgħu l-ġurnata ħażin-ħażin, nies tal-ħwienet moħħhom biss kif igħaltu lix-xerrejja, reffigħa mgħawġa taħt it-tagħbija tqila ta' fuq darhom, qaddejja maħmuġa u mqattgħa ċraret, ħadd biss ma kien jerfa' ħsiebha. Xi *galantom* li jkun għadu kemm ħareġ mill-ħabs, kien jeħodha b'ħalliela, għalhekk kien ifittxilha fi bwietha u jgħidilha f'widnejha xi kelma mhix xierqa. Xi wħud, libsin tajjeb, iżda fqajrin, kienu jħarsu, lejha u jkemmxu xuftejhom. Oħrajn kienu jistmerru jħarsu biss lejha, għalhekk kienu jkeċċuha bis-saqajn. Mita kienet tmidd idha għall-karità kienet titlobha b'leħen għoli, bil-kemm mhux bil-jedd : "sold biex nitrejjaq, ili ma niekol mill-bieraħ". L-istonku battal kien iġagħalha titlob hekk: inbagħad kienet tbaxxi leħinha, tibda tħanninha, jaqbżulha d-dmugħ li jxarbulha ħaddejha. Kienet tkompli tmur u tiġi, tgemgem sakemm leħinha jinħonoq ġo griżmejha niexfa qoxqox : inbagħad kienet titlob il-karità bil-leħħa ta' għajnejha. F'inżul ix-xemx, mita ma kienu jatuha xejn, mita ebda qalb ħanina ma kienet tinsab għaliha, kienet tintelaq għaxja, rasha tibda ddur biha, kienet titkarkar sat-taraġ tal-knisja ta' "Portanova" u kienet tibqa' hemm bla ma titħarrek, imkebba bħal sorra ħwejjeġ, mnejn ta-kulltant kienet toħroġ karba li taqsam il-blat samm.

Tarġa tqum biex iddur darb'oħra qalb id-dawl tal-fanali li kienu q'ed jinxegħlu, fost il-ħaddiema li kienu sejrin lejn djarhom, u l-irwejjaħ ta' l-ikel li kienu ħerġin mill-ħwienet im-

bexxqa. Bi tbatija irnexxilha tlaqqat ħabbtejn, loqma ħobż, biċċa għadma ta' kustilja, u nitfa kirxa, telqet tiġri biex tikolhom bħal ṣerduk għama, weħlulha fi griżmejha u baqgħulha fuq l-istonku. Kienu jiġu xi ġranet li ma kienet tiddobba xejn, għalhekk kienet torqod f'telqa tal-mewt, fl-istonku tagħha ma tkunx daħħlet għajr qxur tal-lariNġ imħassar, jew tkun magħdet l-imżiewet vojta tal-piżelli.

Is-Sibt kien ikun l-aħjar jum għaliha: nhar ta' sibt, mara żagħżugħa, bil-maktur tal-ħarir ma' dwar għonqha, bid-dublett qasir u meħmuż 'il fuq minn qaddha, bil-papoċċ takkun għoli, biċ-ċfuf ħodor, bil-moxt tal-fidda mwaħħal fil-quċċata tat-toppu jleqq bil-mantikilja, b'ħaddejha miżbugħin bl-aħmar, kienet tatiha sold. Din iż-żagħżugħa aktarx li kienet toqgħod poġġuta malkoxxa tal-bieb, b'idejha fil-bwiet tal-fardal, tħares fil-vojt, ta' bixla bhelenija, tgħanni minn taħt il-lsien minn fil-għodu sa fil-għaxija għanja ta' swied il-qalb:

"Li kien jiġi mqar x'joħodni,  
U jeħlisni mit-taħbit......  
Uff kemm xbajt minn din il-ħajja,  
Q'ed nintemm bil-ftit-il-ftit!

Bosta drabi, ma' tulek ja jum, it-tifla kienet tgħaddi minn biswitha; imma nhar ta' sibt biss l-oħra kienet tatiha s-sold: dan kien għal xi ħames jew sitt xhur. Inbagħad dik il-mara ma dehritx aktar. Xeħtuha, jew inxeħtet ġol-bir! Min għela għaliha l-iżjed?......it-tallaba!

(*It-tmiem għall-ħarġa li ġejja*)

**Ġużè Micallef Goggi.**

TINSIEX LI GħANDEK TIXTRI IL-KTIEB

"IL-GŻEJJER TA' MALTA  
U L-ĠRAJJA TAGħHOM"

Tal-Prof. Temi Żammit

**1/3** minn għand il-librari kollha.